# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 8.2

**Kap 8: Il-Komunità tagħna**

**Lezzjoni 8.2: Ir-ragħaj li jmexxina**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jiftakru flimkien kif jaħdem tim.
2. Jifhmu l-kunċett ta' '*team spirit*'.
3. Janalizzaw l-irwol ta' mexxej/kowċ tajjeb fit-tim - janima lill-grupp u jaffaċċja d-diffikultajiet/ is-suċċessi.
4. Jirrelataw dan mal-parabbola tar-Ragħaj it-Tajjeb.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Silta mill-Bibbja (Mattew 10:1-18)
- Animazzjoni tar-Ragħaj it-Tajjeb minn http://www.youtube.com/watch?v=HZGRubkzUHw
- Sett ta' sentenzi fuq ppt.
- Salm 23
- Kanzunetta għall-meditazzjoni minn http://www.youtube.com/watch?v=Ommn6Z5hhjI
- Karta ta' Taħriġ 8.2.

**Naqsmu flimkien – L-ntroduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Introduċi logħba li tista' tintlagħab; jew b'żewġ voluntiera fil-klassi jew inkella ma' kulħadd fi spazju kbir (mhux fil-klassi). Student/a wieħed/waħda j/tgħatti għajnejh/a b'maktur waqt li l-istudent/a l-ieħor/ j/tidderiġih biex ma j/tolqot imkien iżda ma j/tmissux.
- Spjega li din il-logħba turi kif wieħed iħossu li jista' jafda meta jkun jaf sew lill-persuna li qed tmexxieh.



**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Introduċi l-parabbola tar-Ragħaj it-Tajjeb iżda qabel ipprovdilhom ftit informazzjoni bħal: ir-ragħaj ikollu merħla kbira li dejjem irid imexxiha biex tkun tista' tirgħa. In-nagħaġ jagħrfuh minn leħnu. Il-perikli li jistgħu jaffaċċjaw in-nagħaġ huma l-iljuni u l-ilpup, temp ikrah u anke forsi xi nagħġa mqarba li tintilef. Dawn jirriżultaw f'perikli għar-ragħaj ukoll.
- Jaqra jew ipproġġetta l-parabbola tar-Ragħaj it-Tajjeb (Mattew 10: 1-18).
- Uri [http://www.youtube.com/watch?v=HZGRubkzUHw](http://www.youtube.com/watch?v=HZGRubkzUHw) Din l-animazzjoni tista' wkoll tintwera lill-istudenti wara l-qari mill-Bibbja.
- Urihom sett ta' sentenzi fuq ppt u t-tfal jiddiskutu dwar jekk jaqblux magħhom jew le. Din l-attività sservi t'għajnuna għall-għalliema biex tara l-istudenti x'jiftakru mis-smigħ tas-silta. Is-sentenzi huma dawn:
    - Ragħaj tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu.
    - Ġesù jiddeskrivi lilu nnifsu bħala l-bieb tan-nagħaġ u r-Ragħaj it-Tajjeb.
    - Xi ħadd li jkun mikri biex jieħu ħsieb in-nagħaġ jasal li jaqbeż għan-nagħaġ meta dawn jiġu attakkati mill-ilpup.

- In-nagħaġ jagħrfu lir-ragħaj tagħhom minn leħnu.
- Ġesù ma jafx eżatt min huma n-nagħaġ tiegħu.
- Ġesù hu sfurzat biex jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu.

- Iddiskuti mat-tfal liema versi tal-silta jikkonfermaw li dak li qed jintqal fis-sentenzi huwiex minnu jew le.
- Oħloq diskussjoni magħhom u staqsihom x'ried ifisser biha Ġesù meta qal li hu r-Ragħaj it-Tajjeb (idealment tiffukaw fuq dawn il-punti: Ġesù qatt ma jħallina waħedna, iħobbna ħafna għax ta ħajtu għalina u dejjem lest li jaħfrilna).
- Fakkarhom fil-logħba tal-bidu u spjegalhom li bħalma aħna għarafna lil sħabna jkellmuna biex jagħtuna struzzjonijiet tajbin ħalli ma naħbtux mal-affarijiet, hekk ukoll Ġesù jgħinna nagħrfu lilu kull darba li nisimgħu l-qari mill-Bibbja. Staqsihom għalhekk: X'inhuma dawk l-affarijiet li taħseb li qed jipprova jgħidlek biex tagħmel Ġesù fil-ħajja tiegħek?
- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 8.2. Aqra s-silta mogħtija . Wara jew fuq bażi ta' gruppi jew b'mod individwali l-istudenti jaqraw s-salm 23 u jiddiskuti'jiktbu l-vers li l-aktar jogħġobhom u jpinġu x-xena li jixtiequ.
- Aqsam l-istudenti fi gruppi u ħallihom jiddiskutu Attività B. Xi risposti jistgħu jkunu: baqa' magħna fl-Ewkaristija – bagħtilna min jgħallimna – jieħu ħsiebna permezz tal-ġenituri tagħna – tagħna s-sagramenti biex nerqsu aktar lejH.
- Aqra Attività B u wara d-diskussjoni fakkar li hemm affarijiet li jien irrid naċċetta biex ma nagħmilx nervi u nifhem nara s-sabiħ fl-oħrajn.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. Iridu jisimgħu lil xulxin ħalli jaslu li jiftiehmu.
2. Jekk hemm bżonn, ikunu lesti li jċedu l-opinjoni tagħhom.
3. Flimkien jaraw li jaqbżu għal xulxin u jżommu l-għaqda.
4. Ġesù huwa mexxej tajjeb.
5. Ġesù jieħu ħsieb lil kull wieħed u waħda minnhom.
6. Ma jibżgħux. Iħallu f'idejn Ġesù għax hu jaf huma x'għandhom bżonn.

**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

L-istudenti jafdaw lil xulxin u ma jidħku b'ħadd.

**Nitolbu**

Ħin ta' meditazzjoni billi jisimgħu din il-kanzunetta bl-animazzjoni:

http://www.youtube.com/watch?v=Ommn6Z5hhjI

